**Kunsill Lokali Żejtun**
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott Iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 10/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013
**Data** 02/10/2014 fis-6.40pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti sat-8.10pm |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Skużat |
| | Stephania Fenech | Skużata |
| | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**10. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Abela | Il-Minuti 09/14 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 09.9.3 | Il-Kunsillier Abela irrimarkat li hi kienet semmiet sabiex ikun mistieden l-Onor. David Agius. Huwa ma attendiex għall-attivita' peress li ma kienx mistieden. Il-Kunsilliera Agius semmiet li saret il-wirja ta' l-aħħar ħbit 1914-2014. | | |
| | 09.11.2 | Wara l-kelma 'problema' titneħħa l-kelma ta' u jidħlu l-kliem 'biex isir'. | | |
| | 09.11.22 | Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem 'għal Malta Community Chest Fund'. | | |
| 10. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**10. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| ). 2. 1 | 09.2.2 | Agius: Kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kienx hemm progress dwar il-każ tal-kuntrattur Frankie Mifsud. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Is-Sindku talab sabiex jinfetaħ ilment mal-*customer care* tal-Prim Ministru. | Agius |
| 10. 2. 2 | 09.2.3 | Agius: Ġbir ta' ħġieġ | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ġbir tal-ħġieġ li jsir kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Min-naħa tal-Greenpak kellna konferma li l-ġabra ser issir mill-kuntrattur Ronald Bezzina. | Agius |
| 10. 2. 3 | 09.2.6 | Hales: *Dog Litter Bins* | Il-Kunsillier Hales informa l-Kunsill li x-xiri ta' dog litter bins għadu pendenti. | Hales |
| 10. 2. 4 | 09.2.8 | Agius: Attivita' *Gaffiero Productions* | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk daħalx il-ħlas minn *Gaffiero Productions*. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Agius |
| 10. 2. 5 | 09.2.10 | Agius: Ilmenti dwar *housing* | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-amministraturi tal-blokki li kull ħsara għandha tissewwa mill-istess kumitat.** | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Il-Kunsillier Hales semma l-każ ta' Blokk C li fejn hemm il-katusa tal-ilma tax-xita mblukkata u qal li din ma tistax tiġi solvuta bil-pressure bowser iżda jrid isir xogħol bl-idejn. Il-Kunsillier Caruana qal li min-naħa tas-Segretarjat sar ukoll rapport bil-*customer care* tal-*housing*. Hales semma wkoll li residenta ġiet tirraporta li l-fili tal-blokk tagħha huma miftuħa. Is-Sindku qal li dwar il-manutenzjoni tal-blokki minn barra hemm programm nazzjonali. | Agius |
| 10. | 2. | 6 | 09.2.11 | Hales: Suffit fil-latrina Misraħ ir-Repubblika | Il-Kunsillier Hales informa lill-Kunsill li x-xogħol għadu ma nbediex. Peress li x-xogħol ma jistax isir b'mod immedjat bil-ħaddiema tal-Kunsill, il-kuntrattur Mario Borg, li jieħu ħsieb l-istess latrini, lest li jagħmel ix-xogħol hu stess għall-prezz ta' €1,100 VAT inkluz. **Il-Kunsill approva.** | Hales |
| 10. | 2. | 7 | 09.2.21 | Hales: *Barriers* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Hales informa lill-Kunsill li dawn ġew ordnati. | Hales |
| 10. | 2. | 8 | 09.2.28 | Hales: Sprall fi Triq San Klement | Hales irraporta lill-Kunsill li s-Sur Paul Degabriele tal-WSC wara spezzjoni li għamel, ħareġ li l-intina li tiela mill-isprall mhiex kaġun tad-drenaġġ. | Hales |
| 10. | 2. | 9 | 09.3.3 | Hales: Ġbir ta' skart bieb bieb | Hales irraporta lill-Kunsill li l-Waste Collection Ltd, li huwa l-kuntrattur il-ġdid, beda bix-xogħol mill-bieraħ u minkejja li kienet l-ewwel ġurnata ma kienx hemm ilmenti mir-residenti. Is-Sindku insista li l-ġbir ta' l-iskart għandu jitlesta sa nofsinhar kif ukoll li jsir użu minn *protective clothing* u ma jinġabarx f'muzelli fil-kantunieri. **Il-Kunsill qabel li l-ġbir miċ-ċentru tal-lokal għandu jsir fis-7am u wara jdur it-toroq l-oħra. Qabel jitlaq mil-lokal, jerġa' jgħaddi mill-Pjazza.** | Hales |
| 10. | 2. | 10 | 09.3.7 | Viċi-Sindku: Premju Anzjanita' Attiva | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li għall-premju anzjanita' attiva ma ġie nominat ħadd għax id-data ta' l-għeluq kienet wisq viċin u meta ċċekkjat dwar il-persuna li kellha f'moħħha ħareġ li l-persuna ma kinetx qed taħdem daqshekk. | Viċi-Sindku |
| | | | | | Fir-rigward tal-Premju Soċjeta' Ġusta, il-Viċi-Sindku nnominat lil Dun Ang Seychell f'kategorija A, lis-Sur Angelo Zahra għall-kategorija B u lis-Sur Raphael Camilleri għall-kategorija C. **Il-Kunsill qabel unanimament.** | Viċi-Sindku |
| 10. | 2. | 11 | 09.3.8 | Agius: Użu ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant | **Il-Kunsill qabel li l-użu ser ikun bi ħlas.** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 12 | 09.11.1 | Caruana: Xogħol ta' *resurfacing* Triq A. Cachia Zammit | Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser isir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq A. Cachia Zammit. Il-Kunsill innota li fil-korrispondenza hemm ittra minn TM dwar il-ħruġ tat-tender ta' din it-triq. Is-Sindku żied li la x-xogħol ta' *resurfacing* fuq din it-triq daħal fil-programm ta' TM allura ser jibda skond dan il-programm. | Sindku |
| 10. 2. 13 | 09.11.13 | Caruana: *Un/loading bay* | Il-Kunsilier Caruana reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar id-deliveries u l-ħinijiet ta' l-*un/loading bay* f'Misraħ Girgor Bonici. Is-Sindku talab sabiex dan il-punt jiġi diskuss mal-Kunsillier Hales. | Hales |
| 10. 2. 14 | 09.11.7 | Abela: *Street Hawker* f'Bulebel | Il-Kunsilliera Abela nfurmat lill-Kunsill li l-istreet hawker mexa. Il-Kunsillier Caruana qal li hemm problema meta l-vetturi jieqfu f'nofs ta' triq biex jixtru. | Sindku |
| 10. 2. 15 | 09.11.14 | Sindku: *Soft area* ħdejn il-librerija pubblika | Is-Sindku talab sabiex it-tindif tal-ħamrija quddiem il-librerija sat-tarf isir mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Hales sabiex dan isir. | Hales |
| 10. 2. 16 | 09.11.22 | Viċi-Sindku: Attivita' 26.09.2014 | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li pparteċipaw madwar 44 ruħ għall-ħarġa ġewwa l-Palazz tal-President nhar is-26 ta' Settembru. Inġabru €210 għall-Malta Community Chest Fund li ġew ppreżentati b'ċekk lill-ET President ta' Malta Mary Louise Coleiro Preca. | Viċi-Sindku |

**10. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 1 | 01 | MEPA: PA02892/14 | **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core u għaldaqstant għandu jinżamm mal-karatteristika tal-post.** | Sindku |
| 10. 3. 3 | 04 | Daniel Bezzina: Riżenja | Il-Kunsill innota r-riżenja ta' l-impjegat Daniel Bezzina. Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isiru l-kuntatti meħtieġa mad-DLG biex tinħareġ sejħa ġdida. | Sindku<br>Segretarjat |
| 10. 3. 4 | 07 | DLG: Kuntratt WasteServ | Is-Sindku qal li din il-korrispondenza għandha titniżżel fuq l-aġenda tal-laqgħa li l-Kunsill għandu mal-Greenpak. Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni dwar scammel tal-Green MT li qed jitħalla ipparkjat fit-triq b'inkonvenjent għar-residenti. Is-Sindku qal li dwar dan għandu jsir rapport mal-Pulizija. | Sindku |
| 10. 3. 5 | 11 | F Living: Stedina | Is-Sindku ser jattendi għal *talk show* fuq f living dwar il-Kunsilli Lokali. | Sindku |
| 10. 3. 6 | 13 | Zejtun Home: Invit | Is-Sindku qal li illum huwa attenda għal żjara li l-ET President ta' Malta flimkien ma' l-Onor Justyne Caruana għamlu fiż-Zejtun Home. Ir-resident Bilocca għalaq 102 sena u l-ġimgħa l-oħra Ms D. Falzon għalqet 100 sena. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 7 | 16 | TM: *Road humps* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Kunsill innota li jekk TM ser jagħmlu spejjeż tagħhom r-*road humps* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, bl-istess raġunament in-nies jippretendu li dawn isiru wkoll f'toroq oħra. | Sindku |
| 10. 3. 8 | 18 | DLG: Applikazzjoni ta' l-iskema ta' aċċessibilita' | Il-Kunsill innota li l-applikazzjoni tiegħu għall-iskema ta' aċċessibilita' sabiex isiru il-bankini fuq livell wieħed fi Triq Melchiorre u Triq Lorenzo Gafa', giet aċċettata. Il-Viċi-Sindku qalet li Triq Santu Wistin ġiet imwegħda għas-sena d-dieħla. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa' qabel li jagħmel l-ewwel dawn iż-żewg toroq bil-bankini u li wara bil-fondi li nistgħu ndaħħlu minn dan il-proġett isiru l-bankini fi Triq Santu Wistin, proġett li kemm is-Sindku kif ukoll il-kunsillieri kollha jaqblu li għandu jsir. | Sindku |

**10. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 10. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 09/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 10. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 10. 4. 4 | | Petty Cash - Settembru 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Settembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €99.55.** | Segretarju |

**10. 5.** **Rapport - Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 5. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta li kienet ilha issir ħidma minn Mejju, bdejna bl-aħħar ħbit, *toddlers play area*, *outdoor gym*, xogħol ta' żebgħa mill-ħaddiema ta' l-IPSL. Permezz tal-Gal Xlokk ittellgħet il-wirja tal-produzzjoni tal-ħalib fiż-Żejtun. Kemm minn meta fetħet, f'Żejt iż-Żejtun u sal-lum kien hemm attendenza qawwwija ħafna. Illum żar il-wirja l-Onor. Dr. Stefan Buontempo. | |
| 10. 5. 2 | | Joan Aquilina ~~Viċi-Sindku~~: Tirraporta | Joan Aquilina Il-~~Viċi-Sindku~~ qalet li din kienet it-tminn sena konsekuttiva ta' l-attvita Żejt iż-Żejtun u minkejja li kien hemm żewġ attivitajiet oħra nazzjonali, in-nies attendiet. L-attivita' baqgħet fuq livell folkloristiku. Hija rringrazzjat lis-Sindku li emmen fl-attivita, lill-Kunsillier Hales għat-tindif u lill-ex kunsillier Darmanin li għen fil-ko-ordinament tal-pulizija. Hija irringrazzjat ukoll l-istaff b'mod speċjali lil Daniel Bezzina. | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | | Għal din l-attivita' il-Kunsill ħareġ madwar 111 -il permess barra l-permessi l-kbar. Il-Kunsillier Caruana talab sabiex titpoġġa fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' l-istalls li ħadu sehem u kemm ħallsu. Agius qalet li min jagħti kontribut matul is-sena lill-Kunsill, dan ma ħallasx għall-permess waqt l-attivita'. Hija qalet ukoll li sabet koperazzjoni anke mill-każini. | |

**10. 6.** **Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li c-*Child Day Care Centre* ser jibda jopera mit-3 ta' Novembru. Għal bidu ser ikun hemm madwar 12 -il tifel u tifla. | Sindku<br>Agius |
| 10. 6. 2 | | | Ic-*Co-ordinator* intagħzlet minn 8 applikazzjonijiet li daħlu, li minnhom 2 applikazzjonijiet biss kellhom ir-rekwiżiti meħtiega, dak ta' Level 5. L-intervisti saru mis-Sur Brian Craus u Fr Vince. Is-Sinj. Fiona Camilleri intagħżet għal dan il-post b'average mark ta' 89. | Sindku<br>Agius |
| 10. 6. 3 | | | Il-*carers* ser ikunu fuq bażi full time jew *part time* skond il-ħtieġa. Daħlu 6 applikazzjonijiet li għandhom ir-rekwiżiti mitluba u ser isiru l-intervisti fil-jiem li ġejjin. | Sindku<br>Agius |

**10. 7.** **Tender 02/14 - Bankini**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Fuq il-mejda tal-Kunsill tqassmet is-*schedule of tenders*. Għal din it-tender, daħlu 3 kuntratturi. **Wara li ġew evalwati l-offerti, il-Kunsill qabel li jibgħat għall-kuntrattur Joseph Tabone biex jitkellem miegħu peress li din kienet l-orħos offerta.** Il-Kunsill innota l-esperjenza tax-xogħol li għandu dan il-kuntrattur u d-diversi xogħol li għamel mal-Kunsilli Lokali. | Sindku |

**10. 8.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma ġew preżentati mozzjonijiet. | | |

**10. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 9. 1 | | Viċi-Sindku: *Parking bays* | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar żewg *parking bays* li ma ġewx *refreshed* fi Triq Ħerba. Hales qal li dawn ma sarux għax ma kellhomx bżonn. Il-Kunsillier Caruana qal li ma sarux il-parking bays ta' Triq il-Kastellan. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. 9. 2 | Hales: *Reserved parking bays* | Hales semma *reserved parking bays* li m'għadhom jintużaw. Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku u lil Hales sabiex jitkellmu bejnithom sabiex dawn jitneħħew. Il-Kunsillier Caruana semma żewġ każijiet fi Triq Bħajra u Triq Anġlu Gatt. | Viċi-Sindku Hales |
| 10. 9. 3 | Caruana: Bozza ġdida | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir bozza ġdida quddiem id-Domus. Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li riċentement kissru arblu. Huwa qal ukoll li fejn iċ-Ċentru Arti u Artiġjanat hemm bżonn fanal. Dan ikun jista' jsir 'l quddiem. | Sindku |
| 10. 9. 4 | Caruana: *Relocation* ta' fanal | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir *relocation* ta' fanal minn Misraħ il-Bjar għal Triq Gwiedi. **Il-Kunsill qabel li jekk hemm bżonn isir fanal ieħor fi Triq Gwiedi.** Meta nduru l-fanali kollha jista' jibqa wieħed extra. | Sindku |
| 10. 9. 5 | Caruana: Bankina imkissra | Il-Kunsillier Caruana rraporta bankina imkissra minn kuntrattur fil-kantuniera ta' Triq Anġlu Gatt. Is-Sindku qal li din trid tiġi rranġata mill-kuntrattur li għamel il-ħsara. | Sindku |
| 10. 9. 6 | Agius: *Seminar Crime in the Community* | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat seminar li attendiet għalih dwar il-kriminalita' ippreżentat mill-ambaxxatriċi amerikana u organizzat mill-AKL . Dan kien jitratta dwar prevenżjoni minħabba serq. | Agius |
| 10. 9. 7 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li bejn it-3 u l-5 t'Ottubru ser jiġi organizzat *cultural recreational activity* ġewwa Topaz Hotel filwaqt li f'Novembru ser titella attiva għat-tfal li ser tintrabat mal-Junior Eurovision li din is-sena ser isir f'Malta. Fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru ser tingħata wkoll l-injezzjoni ta' l-influwenza lil dawk il-persuni minn 55 sena 'l fuq. | Agius |
| 10. 9. 8 | Viċi-Sindku: Laqgħa dwar anzjanita' attivita | Il-Viċi-Sindku rrapurtat il-laqgħa li attendiet għaliha ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Ħamrun dwar anzjanita' attivita u strateġija nazzjonali dwar id-dimensja. Kien hemm 75 rakkomandazzoni dwar anzjanita' attiva u 82 rakkomandazjoni dwar id-dimensja. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ser jintbagħtu b'email jew miġbura f'booklet. L-istaff tal-Kunsill għandu jkun *trained*. | Sindku |
| 10. 9. 9 | Viċi-Sindku: Bankijiet imkissra | Il-Viċi-Sindku rrapurtat bankijiet imkissra f'Ġebel San Martin. Is-Sindku spjega li dawn saru. | Sindku |
| 10. 9. 10 | Viċi-Sindku: Applikazzjoni *Reserved Parkings* | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li rċeviet applikazzjoni ġdida għal *reserved parking bay* fi Triq Tavlin, oħra li ġiet rifjutata fi Triq E. Attard Bezzina u oħra fi Triq San Klement li ġiet approvata. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 06 ta' Novembru, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv